MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2010

Numru. 111/2004

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Carmelo Bartolo)**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**Vs**

**ANTOINE sive DAVID MONSIGNEUR**

**Illum disgha w ghoxrin (29) ta' Settembru, 2010.**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **ANTOINE sive DAVID MONSIGNEUR** ta' tlieta w tletin (33) sena, iben Joseph u Josephine nee' Bugeja, imwieled Pieta' nhar it-tnax ta' Jannar 1971 u li joqghod 'Picadilly Flats', Flat 1, Triq il-Kavetta, San Pawl

il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 49071M tressaq quddiemha akkuzat talli:

F’San Pawl il-Bahar, limiti ta’ Bugibba, nhar is-sitta ta’ Frar 2004, ghall-habta tas-sebgha w kwart (7.15p.m.) ta’ filghaxija, bil-hsieb li joqtol, jew li jqieghed il-hajja ta’ Angela Borg f’perikolu car, wera dan il-hsieb b’atti esterni, u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ta’ dan id-delitt, billi ta daqqiet ta’ strument li jaqta’ w bil-ponta f’partijiet vitali ta’ gisimha, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta’ tieghu;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kkaguna offizi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Angela Borg, bi strument li jaqta’ jew iniggez, skond ma ccertifikat Dr. Greta Mifsud M.D. tal-iSptar San Luqa;

Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, fil-hin li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna, u cioe’ tentattiv ta’ omicidju volontarju ta’ Angela Borg, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t’arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;

Talli nhar is-sitta ta’ Frar 2004, f’dawn il-Gzejjer, kellu fil-pussess tieghu arma regolari u cioe’ sikkina minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Ukoll talli nhar is-sebgha ta’ Frar 2004, ghal habta tas-siegha neqsin kwart (12.45pm) ta’ wara nofsinhar, f’dawn il-Gzejjer fi proceduri civili jew kriminali, ikkorrompa xhud, perit jew xi interpretu, sabiex jaghti xhieda falza, jew jaghmel perizja falza jew jaghti taghrif falz;

Kif ukoll talli nhar is-sebgha ta’ Frar, 2004 ghall-habta tas-siegha neqsin kwart (12.45pm) ta’ wara nofsinhar, f’dawn il-Gzejjer, uza xi sistema jew apparat ta’ telekomunikazzjonijiet provduti minn provditur awtorizzat ghal xi ghan li ma jkunx dak li ghalih gie provdut, jew naqas milli josserva dawk l-istruzzjonijiet li jinhargu minn provditur awtorizzat ghall-uzu sew tas-sistema tat-telekomunikazzjonijiet jew taghmir , jew ghamel uzu minnu mhux sew;

Ukoll talli nhar it-tmienja ta’ Frar 2004, ghal habta tal-hdax u nofs ta’ filghodu (11.30a.m.) f’dawn il-Gzejjer, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra diversi membri tal-Korp tal-Pulizija bhala persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghal ezekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti;

U aktar talli fl-istess data, u cirkostanzi f’dawn il-Gzejjer, saq il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni KAO 647 b’manjiera traskurata w perikoluza;

Kif ukoll fl-istess data, u cirkostanzi f’dawn il-Gzejjer, naqas li jieqaf fuq is-sinjali tad-dawl, meta dawn kienu juru kulur ahmar;

Kif ukoll fl-istess data, u cirkostanzi, f’dawn il-Gzejjer ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta’ l-awtorita’ jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u cioe’ diversi membri tal-korp tal-pulizija, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b’xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirhom, billi ma hallihomx jaghmlu dak li b’ligi kienu ordnati jew jistghu jaghmlu, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li kienu ghamlu skond il-ligi, jew b’xi mod iehor li jkun;

Kif ukoll talli nhar is-sitta ta’ Frar 2004, kif ukoll fit-tmienja ta’ Frar 2004 f’dawn il-Gzejjer, saq il-vettura bin-numru ta’ regisrazzjoni KAO 647 minghajr ma kellu l-licenzja tat-triq rinnovata ghas-sena kurrenti u b’hekk ma kienx kopert b’polza ta’ sigurta’ dwar riskji ghal terzi persuni;

U fl-ahharnett talli nhar is-sitta ta’ Frar 2004, is-sebgha ta’ Frar 2004 u t-tmienja ta’ Frar 2004, f’dan il-Gzejjer, irrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li nstab hati b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba biex f'kaz ta' htija tal-imputat, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond il-Ligi, tordna l-iskwalifika ta' kull licenzja tas-sewqan tieghu, ghal dak il-perjodu ta' zmien li l-istess Qorti jidhrilha xieraq.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti fosthom Proces Verbal tal-inkjesta mmexxijja mill-Magistrat Dottor Antonio Mizzi, certifikat mediku tal-vittma Angela Borg, stqarrija tal-imputat u certifikat mediku iehor ta' Angela Borg.

Semghet ix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat illi meta l-Avukat Generali baghat l-Artikoli huwa ma akkuzax lill-imputat bir-reat ta' attentat ta' omicidju izda b'attentat ta' feriti gravi, w li ghalhekk din il-Qorti ghandha kompetenza sabiex tisma' w tiddeciedi dan il-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex ai termini tal-Art. 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet ukoll l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu u dan kif registrat fl-atti fis-seduta tas-sbatax t'Awissu 2010.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap. 9, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga' lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra

tieghu, kif moghtija skond l-Artikoli mibghtua mill-Avukat Generali.

Ikkunsidrat ai fini ta’ piena:

Il-Qorti semghet lill-kwerelanta Angela Borg tixhed nhar it-23 ta’ Frar 2004 u tispjega kif sehh l-incident. Spjegat illi hija kienet ilha tghix mal-imputat ghal perijodu ta’ sitt xhur u darba minnhom waqt li kienu d-dar kellha argument mieghu ghaliex kien tilef xi tletin lira Maltin (LM30). Imbaghad tghid li infexx jaghtiha bla hniena, w hija harget ‘il barra w hu mar warajha w kompla jaghtiha fl-indana tat-tarag kif ukoll barra t-triq. Regghet dahlet gewwa w qabadha w beda jaghtiha b’sikkina li kellu fil-but tieghu. Hija spiccat b’diversi feriti fuq gisimha, fuq il-warrani taghha, fuq sidirha kif ukoll fuq subghajha. Taf ukoll li l-imputat spicca wassalha c-Centru tas-Sahha tal-Mosta sabiex tigi kkurata u fil-fatt kellha bzonn tlieta w ghoxrin (23) punt.

Mistoqsija ghaliex hija kienet qalet storja ohra differenti ta’ dak li gara kemm lill-pulizija esekutttiva kif ukoll lit-tobba tghid li hija kienet qed tibza’ mill-imputat, pero’ kkonfermat li dak li qalet il-Qorti *viva voce* kien il-verita kollha.

Fuq domanda tal-Avukat Generali hija regghet xehdet nhar id-29 ta’ Settembru 2009 u spjegat li hija ghad ghandha l-feriti jidhru, ghalkemm m’ghadha tiehu l-ebda kura ghalihom. Qalet li l-feriti tarahom minn distanza normali.

Il-Qorti semghet ukoll lill-espert mediku Doctor Andrew Borg u dan ikkonferma li huwa kien ezamina lil Angela Borg u sab li kellha diversi feriti fuq gisimha. Spjega li dawn kienu jikkonsistu f’diversi *stab wounds* u li kienu kompatibbli ma’ daqqiet ta’ sikkina u li kienu ta’ natura gravi.

Ghaldaqstant il-Qorti hija f’posizzjoni tara x’gara ezattament u x’kien l-effett tar-rabbja tal-imputat fuq il-vittma Angela Borg.

Pero' l-Qorti trid tara necessarjament l-antecedenti penali tal-istess imputat, u ghalhekk rat il-fedina penali tieghu esebita fl-atti u mmarkata bhala Dok Z a fol. 519, li m'hija xejn felici. Hu gie misjub hati mill-Qrati mhux inqas minn tmienja w ghoxrin darba ta' reati serji, u partikolarment tar-reat kontinwat ta' serq aggravat, fejn kienu nvoluti numru kbir ta' serqiet, ta' kkagunar ta' danni volontarji, ta' pusses ta' droga eroina, resistenza fuq ufficcjal pubbliku, kkagunar ta' feriti hfief u nuqqas t'obbidjenza lejn l-ordnijiet ta' ufficcjal pubbliku.

Jinghad ukoll li wara diversi sentenzi ta' liberazzjonijiet kondizzjonali, *probation*, multi w ta' prigunerija sospiza, l-imputat sahansitra kien gie kundannat ukoll ghal diversi snin prigunerija.

Fl-ikkalibrar tal-piena l-Qorti trid tara l-fattispecji tal-kaz li jkun u ftit li xejn tista' tigi gwidata minn dak li jkun gie deciz minn Qrati ohra f' kazijiet fejn il-fattispecji jkunu differenti. Certament li f'dan il-kaz ma jistax jigi applikat xi provvediment ta' sentenza sospiza ladarba l-imputat instab hati tar-recidiva. L-alternattiva tal-*probation,* ghalkemm mhix prekluza bil-ligi kif inhi, ma hix indikata fil-fehma ta' din il-Qorti, meta provvedimenti simili ma kienu servew ghal xejn fi proceduri precedenti.

Din il-Qorti ghalhekk ma tistax taghti l-impressjoni li qisu xejn m'hu xejn, u ghalhekk thoss li ghandha tinidirzza dan il-kaz bl-aktar mod serju sabiex l-imputat jaghraf li zbalja, bil-ghan li l-piena li ser tinghata tiswih bhala deterrent ghall-futur.

Il-Prosekuzzjoni stqarret fit-trattazzjoni taghha li l-imputat ma kko-opera xejn maghha tul din l-investigazzjoni u li kien ghalhekk li l-kaz dam 'il fuq minn sitt snin, u kien biss fl-ahhar seduta li l-imputat irregistra ammissjoni, u ghalhekk tali ammissjoni m'ghandhiex tigi kunsidrata ai fini tal-piena. Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **<u>Pulizija Vs Salah Aldin M.m.bin Abdo Alslam</u>** deciza fil-5 ta' Mejju 2003 fejn inghad li:- '*Ghalkemm meta persuna tammetti l-htija taghha fi stadju bikri tal-proceduri*

*- u ma jistax ikun hemm stadju aktar bikri mill-gurnata tal-presentata ta' dak li jkun quddiem il-Qorti - Qorti ghandha normalment tikkonsidra il-possibilita` ta' xi tnaqqis fil-piena konformement mar-regoli li, minn zmien ghal zmien, gew formulati minn din il-Qorti u mill-Qorti Kriminali. Qorti ta' Gustizzja Kriminali ma ghandha qatt tikkarga d-doza tal-piena minhabba s-semplici fatt li l-hati ma jkunx ikkopera mal-Pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet taghhom jew ma jkunx ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, jew addirittura jkun ikkontesta l-kaz u jkun instab eventwalment hati.*

*Il-gudikant m'ghandux izid il-piena minhabba kwistjonijiet ghal kollox estraneji.*

*Is-semplici fatt li persuna li tkun qed tigi investigata tibqa' siekta u ma tikkoperax mal-Pulizija, jew, meta tkun qed tigi interrogata, tichad li tkun wettqet ir-reat, fih innifsu m'ghandhiex tkun cirkostanza li tiggustifika zieda fil-piena. Kuntrarjament jinghad, per ezempju, ghall-kaz fejn ir-refurtiva ma tkunx giet ritornata meta l-qorti tkun sodisfatta li din ghadha fil-pussess jew taht il-kontroll tal-hati - f'kaz simili, zieda fil-piena tkun gustifikata*.'

Il-process mentali li gudikant ghandu jsegwi, ghalhekk, hu li l-ewwel jiddetermina x'ghandha tkun ("oggettivament") il-piena li kieku ma kienx hemm l-ammissjoni tal-hati u/jew il-koperazzjoni tieghu fil-kors ta' l-investigazzjoni u wara, f'kaz li jkun hemm tali ammissjoni u/jew koperazzjoni, jara jekk il-kaz partikolari jkunx jimmerita "discount" minhabba dik l-ammissjoni u/jew koperazzjoni. Jinghad f'dan il-kaz bla tlaqliq li l-ammissjoni registrata fl-atti mhiex qed tigi kunsidrata ai fini tal-piena li din il-Qorti sejra terroga.

Naturalment huwa mpossibbli li wiehed jiddetermina aprioristikament x'inhi l-piena idoneja, u hu ghalhekk li jkun hemm il-process kollu sabiex il-gustizzja ssir kemm mal-individiwu kif ukoll mas-socjeta'. Din il-Qorti hija f'sitwazzjoni aktar felici minn Qrati ohra meta tigi biex tapplika l-piena, ghaliex ghexet il-process, semghet ix-xhieda jixhdu *viva voce* u ghalhekk rat l-imgieba taghhom, rat il-komportament taghhom waqt li kienu fil-pedana u x'interess kellhom f'dak li qalu. Il-buon sens, pero`,

jissuggerixxi diversi cirkustanzi, u kriterji ohra, li ghandhom jitqieghdu fil-kfief tal-mizien qabel ma tiddeciedi fuq il-piena, u cioe': l-gravita` tar-reat, il-mod kif ikun twettaq, l-impatt fuq is-socjeta`, l-hsara rizultanti, jekk wiehed ghamilx tajjeb ghal dik il-hsara, l-koperazzjoni u l-ghajnuna li wiehed ikun ta lill-pulizija fil-kors tal-investigazzjoni (li f'dan il-kaz ma kien hemm l-ebda ghajnuna), l-ammissjoni bikrija (b'mod li l-istat ma jinkorrix f'aktar spejjez – li f'dan il-kaz lanqas ma kien hemm), jekk il-persuna misjuba hatja hix perikoluza u/jew x'indikazzjonijiet hemm li hija tista' terga' tikkommetti reat iehor (simili jew ta' xorta ohra), u hafna u hafna cirkostanzi ohra.

Jinghad ukoll b'referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v.Maurice Agius deciza fit-** 13 ta' Novembru, 2009 li, '*filwaqt li gudikant, fil-ghoti tal-piena ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta`, tar-reazzjoni tas-socjeta` ghal dak it-tip ta' reat (tali reazzjoni hija r-rifless ta' dak l-impatt), il-gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa l-ghajta ta' dawk li, ma' kull sentenza, tarahom jiktbu fil-gazzetti jew f'xi blog fuq l- internet biex jikkritikaw kollox u bl-addocc ghax minghalihom li saru issa esperti anke fil-ligi u fil-mod kif is-sentenzi ghandhom jigu decizi.'*

Kif qal Lord Justice Lawton fil-kawza **R v. Sargeant** ighid **"***Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion."*

B' dana kollu, matul dawn is-snin kollha l-imputat ma wera ebda sinjal ta' riforma anzi kompla jirranka fil-hajja kriminuza tieghu, b' mod li llum huwa recidiv plurimu w jidher li jirraprezenta minaccja ghas-socjeta'. Dan kollu ma jistax ma jigix rifless fil-piena li trid tigi erogata minn din il-Qorti. Illi dan ir-reat seta' kellu konsegwenzi koroh hafna li kieku l-vittma ma nghatatx l-ghajnuna medika fil-pront kif effettivament inghatat. Huwa ikrah ukoll ghaliex

kellu jkun is-sieheb taghha stess li kwazi baghatha ghal qabar u ghalhekk din il-Qorti trid taghti messagg lis-socjeta' li akkuzi bhal dawn huma ta' min jistmerrahom u ghalhekk tali stmerrija ghandha tigi riflessa fis-sentenza.

Illi kif anki gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi"** [30.7.2004] : -

*"… bhala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna il-piena ghandha tkun dejjem dik ta' prigunerija b'effett immedjat. Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deciziv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi zventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruha f' xi forma ta' vjolenza fizika ."*

Illi dan il-principju rega' gie ribadit mill-istess Qorti tal-Appell Kriminali (Kollegjali) fis-sentenza taghha: "**Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Domenic Bonnici**" [11.11.2004] u aktar recenti fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali nhar is-7 ta' Novembru 2009 fl-ismijiet **Republika ta' Malta vs Louis Mallia.**

**Ghaldaqstant Il-Qorti wara li rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar is-7 ta' April 2010 u cioe' l-Artikoli 17, 23, 31, 49, 50, 96(a), 102 (c), 211 (1) (2), 214, 218 (1) (a) (b), 221 (1) (2), 339 (ee), 382(A), 383, 384 , 386, 412C, tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 15 (1) a (2) (3) tal-Kap. 65 tal-Ligjiet ta' Malta, u l-Artikoli 13 u 26 (a) tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta w tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha w tikkundannah ghal prigunerija ta' erba' snin u tlett xhur u naturalment iz-zmien li huwa ghamel taht arrest preventiv in konnesssjoni ma' din il-kawza ghandu jitnaqqas minn din is-sentenza.**

**Oltre dan qed tiskwalifika lill-imputat milli izomm jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghall-perijodu ta' sentejn peress li huwa recidiv anke fuq din il-kwistjoni b'sentenza ta' din il-Qorti tas-17 ta' Mejju 2005, u dan**

**ai termini tal-Artikolu 30 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta' Malta.**

**Tordna lill-imputat ukoll ihallas l-ispejjez inkorsi mal-inkjesta u cioe' l-ammont ta' mija w tlettax-il Lira (Lm113) bhala spejjez relatati mar-relazzjoni tas-Scene of the Crime Officers PS239 J. Caruana u PS1253 F. Brincat, erbgha w disghin Lira u disgha w ghoxrin centezmu (Lm94.29) bhala drittijiet u spejjez dovuti lill-Perit Tekniku AIC Richard Aquilina, disghin Lira u hamsin centezmu (Lm90.50) ghar-relazzjoni tal-Brigadier Maurice Calleja, mija w sittax-il Lira u hamsin centezmu (Lm116.50) spejjez inkorsi ghar-relazzjoni ta' Robert Cardona mil-Laboratorju tax-Xjenza Forensika, l-ispejjez tal-Perit Legali Dr. Anthony Cutajar li jammontaw ghal sitta w sebghin Lira u sebghin centezmu (Lm76.70), sitta w ghoxrin Lira (Lm26) bhala spejjez tar-relazzjoni tas-Scene of the Crime Officer PC1525 P. Farrugia, erbatax-il Lira u sebghin centezmu (Lm14.70) rigward ir-relazzjoni tal-espert fil-Medicina Legali Dr. Mario Scerri, hames Liri (Lm5) bhala spejjez tar-relazzjoni ta' PS365 S. Azzopardi tas-SOCO u ghaxar Liri (Lm10) tar-relazzjoni ta' PC1261 ukoll tas-SOCO, b'kollox fl-ammont ta' hames mija u sitta w erbghin Lira u disgha w sittin centezmu ekwivalenti ghal elf mitejn u tlieta w sebghin Ewro u hamsa w erbghin centezmu (€1273.45) u dan fi zmien xahar minn meta jigi hekk interpellat.**

**Tordna li kopja ta din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Qorti Kriminali sabiex jingabru dawn il-hlasijiet.**

**Tordna wkoll lill-imputat sabiex taht penali ta' elf Euro (€1000) li ma jkellimx, ma jimmolestax u ma jingurjax lil Angela Borg ghal perijodu ta' sena millum ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta .**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------